**10 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Georgina Azzopardi

*versus*

Mario Said

**Ritrattazzjoni ta' kawża - Sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' Sentenza Attakkata - Garanzija**

*F'din is-sentenza il-Qorti eżaminat ir-rekwiżiti tal-liġi fir-rigward tal-garanzija meħtieġa f'każ fejn issir talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza attakkata b'talba għar-ritrattazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-30 ta' Mejju, 1994 li permezz tagħha l-attriċi wara li ppremettiet:

Li b'sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Mejju, 1992 fl-ismijiet **Mario Said *vs* Georgina Azzopardi** (Ċitażż. Nru. 904/84AM) il-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talba tal-konvenut Mario Said u kkundannat lill-attriċi sabiex tħallas is-somma ta' ħames mitt lira maltija (Lm500), bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kif mitluba;

Illi permezz ta' libell intavolat quddiem din il-Qorti, Georgina Azzopardi talbet it-tħassir tas-sentenza tat-13 ta' Mejju, 1992 u r-ritrattazzjoni ta' l-istess a tenur ta' l-artikolu 811(e) jew alternattivament ta' l-artikolu 811(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Illi flimkien ma' din iċ-ċitazzjoni l-attriċi Georgina Azzopardi tat garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija fl-eventwalita` illi din ma tiġix imħassra;

Illi jekk is-sentenza tat-13 ta' Mejju, 1992 tiġi esegwita minkejja t-talba ta' l-attriċi għar-ritrattazzjoni, hija sejra tissubixxi preġudizzju akbar milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tikkaġuna lill-konvenut;

Talab li għalhekk il-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Frar, 1992 fl-ismijiet **Mario Said *vs* Georgina Azzopardi** (Ċit. Nru. 904/84AM) kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Settembru, 1994 fejn hija awtorizzat korrezzjoni f'isem l-istess attriċi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-3 ta' Ottubru, 1993 fejn eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok l-eċċipjenti qatt ma kellu relazzjoni ġuridika ma' Georgina Aquilina u konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Bla preġudizzju għall-premess iċ-ċitazzjoni hi rrita u nulla stante li mhiex akkompanjata bil-garanziji rikjesti mill-artikolu 823 (2) (a) u l-artikolu 249 tal-Kap. 12 biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża *de quo*;

Inoltre lanqas ma jidher li ġie intavolat rikors għat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza *kif irid l-artikolu 823(4) tal-Kap. 12*;

Fil-meritu l-esekuzzjoni tas-sentenza ma ġġib l-ebda preġudizzju lill-attriċi u konsegwentement din il-Qorti m'għandhiex takkolji d-domanda tagħha;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu u l-lista tax-xhieda;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Ottubru, 1994 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, *f'liema seduta l-kawża baqgħet għall-finali* trattazzjoni fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjoni;

Rat il-verbal tat-18 ta' Ottubru, 1994 skond liema verbal il-kawża ġiet differita għas-sentenza bil-fakolta li l-partijiet jagħmlu noti ta' osservazzjonijiet rispettivi;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet sottomessi mill-istess partijiet;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lill-partijiet tramite d-difensuri tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġa' ntqal il-partijiet qablu li f'dan l-istadju il-kawża għandha tibqa' għas-sentenza fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut;

*Illi dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet jinkwadraw ruħhom dwar* l-interpretazzjoni li din il-Qorti għandha tagħti lill-artikolu 823 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12. Hekk jaqra l-artikolu 823, subartikolu (1):

"It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata";

Dan huwa prinċipju normali, pero' s-subartikolu (2) hekk jipprovdi:

"B'*dak kollu* li *hemm fid-disposizzjonijiet* tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', a distanza, b'ċitazzjoni, tal-parti li tagħmel din it-talba, tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk (a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija, kif imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-artikolu 266 u (b) jiġi muri, għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja";

F'dan il-każ saret iċ-ċitazzjoni kif imsemmi f'dan is-subartikolu, pero` l-garanzija li ġiet mogħtija qed tiġi attakkata fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u dan kif ipprovdut fis-sub-inċiż (a);

Is-sub-inċiż (b) mhuwiex relevanti għal din l-eċċezzjoni iżda għandu relevanza importantissima aktar tard meta wieħed jiġi għall-meritu ta' din il-kawża;

Fl-eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jagħmel referenza għall-artikolu 249 tal-Kapitolu 12, pero` l-liġi tagħmel referenza għas-subartikolu (10) ta' l-artikolu 266. Hekk jipprovdi s-subartikolu (10) ta' l-artikolu 266:

"Meta sentenza tkun ġiet iddikjarata esegwibbli provviżorjament skond dan l-artikolu, l-esekuzzjoni tagħha għandha titwaqqaf jekk il-parti interessata tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza malli tgħaddi b'ġudikat, magħduda, meta l-ħaġa tirreferixxi għall-ħlas ta' flus, garanzija għall-ħlas ta' l-imgħax, u meta l-ħaġa tirreferixxi għal ħwejjeġ oħra, garanzija biex tagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' tiġi kkaġunata lilha minħabba t-traskuraġni jew ħtija tagħha u biex trodd kull frottijiet li jistgħu jittieħdu minnha";

Is-subartikolu (11) ta' l-istess artikolu 266 jitkellem fuq suffiċjenza o meno tal-garanzija li mhijiex il-kwistjoni f'din l-eċċezzjoni preżenti;

Illi ma hemmx kwistjoni li fil-fatt il-garanzija ġiet prodotta pero`, isostni l-konvenut, din kellha ssir skond kif jipprovdi l-istess artikolu 823 flimkien mat-talba. Dan ma sarx u għalhekk il-garanzija mhijiex adegwata;

F'dan l-istadju din il-Qorti ittendi biex taqbel mat-teżi ta' l-attriċi li din il-garanzija mhux neċessarjament għandha tingħata fl-istess ħin maċ-ċitazzjoni u dana ķif ġie deċiż dan l-aħħar mill-Qorti ta' l-Appell. Apparti minn dan, jidher li dan huwa każ ġenwin, għax kif issostni l-istess attriċi hija dejjem għamlet referenza għal din l-istess garanzija sew fiċ-ċitazzjoni, sew fid-dikjarazzjoni tagħha u tiddikjara li din ma saritx qabel bi svista;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti mhijiex sejra tapplika l-liġi b'mod tant rigoruż;

Għal kull *buon fini* pero`, irid jiġi rrilevat illi l-garanzija mogħtija mhijiex suffiċjenti skond kif huwa pprovdut fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 266 u fil-każ illi din il-kawża tiġi deċiża favorevolment favur l-attriċi fuq il-meritu, hija jkollha l-obbligu fis-sentenza finali li tipprovdi garanzija kif inhu proprju stipulat fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 266 fuq imsemmi u mhux sempliċement għall-ispejjeż ta' dina iċ-ċitazzjoni;

It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut tinkwadra ruħha fl-ambitu tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 823 liema subartikolu (4) hekk jgħid:

"Il-preżentata taċ-ċitazzjoni li jkun fiha t-talba għat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata m'għandhiex taħdem bħala twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza kemm-il darba wara rikors f'dak is-sens, il-Qorti ma tordnax għal raġuni tajba dak it-twaqqif ta' esekuzzjoni";

Il-konvenut isostni li dan ir-rikors ma sarx u jekk sar ma kienx ir-rikors li qed tikkontempla l-liġi f'dan is-subartikolu;

L-attriċi invece tagħmel referenza għar-rikors li kien ġie pprezentat fit-30 ta' Mejju, 1994;

Din il-Qorti taqbel mat-teżi tal-konvenut li l-liġi kellha f'moħħha rikors *ad hoc* biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza. Pero` meta wieħed iħares lejn it-talba, ikkontenuta fir-rikors ta' l-istess attriċi fuq imsemmi fejn hija titlob "għaldaqstant l-esponenti umilment titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissospendi l-esekuzzjoni u l-proċeduri kollha sussegwenti u relattivi għall-mandat ta' qbid numru 2132/92 sakemm jiġu definittivament ittrattati u deċiżi l-proċeduri istitiwiti għas-sospensjoni tas-sentenza fl-ismijiet **Mario Said *vs* Georgina Azzopardi** u deċiża fit-13 ta' Mejju, 1992 u dana taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq li timponi", il-Qorti jidhrilha li minkejja illi jidher li l-għan prinċipali ta' dan ir-rikors kien li jiġu sospiżi l-passi esekuttivi u ċjoe` il-mandat ta' qbid imsemmi, dana jista' jiġi faċilment interpretat bħala talba għat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza u għalhekk il-Qorti qiegħda wkoll tiċħad dina t-tielet eċċezzjoni;

Għandu jiġi rripetut illi dana bla ebda mod ma jaffettwa l-meritu taċ-ċitazzjoni preżenti kif mitlub mill-artikolu 823, subartikolu 2, sub-inċiż (b) u dana minkejja li l-partijiet diġa` għamlu aċċenn fit-trattazzjoni u noti rispettivi tagħhom għall-meritu fuq dan il-punt;

Il-kawża pero` ma kinitx għas-sentenza dwar il-meritu fuq liema punt għandhom jinġabu aktar provi;

L-ispejjeż jibqgħu rriservati għall-ġudizzju finali.